# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tas-Sebgħa laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |

## *Skużati*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sitt laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 22 t'Ottubru 2015.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-membri preżenti biex tiġi nkluża fl-Agenda s-suġġett "Deċizjoni fuq Tender Christmas Lights Decorations." Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti lix-xogħol fuq it-tarmak ta' Triq is-Sajjieda jibda meta l-Kuntrattur tal-Kunsill tinħariġlu l-LA għal household connections u wara jitlesta dan ix-xogħol. Il-Kunsill għamel l-arranġamenti sabiex is-somma ta' bejn wieħed u ieħor għoxrin elf ewro (€20,000) tiġi mgħoddija għand lill-Kunsill bħala s-somma dovuta ta' l-asfaltar tat-triq li kellhu jsir kieku l-Kunsill ma kienx ser jesegwixxi x-xogħol tat-tarmak tat-triq kollha. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jħallas id-differenza tax-xogħol ta' kisi bit-tarmak ta' Triq is-Sajjieda li hija stmata li tiswa l'fuq minn erbgħa w ħamsin elf ewro (€54,000). Dan qed isir sabiex il-Kunsill ikun responsabbli tal-kisi bit-tarmak tat-Triq is-Sajjieda kollha biex ma jkunx hemm problemi fil-futur stante li kull darba li sar dan it-tip ta' xogħol minn entitajiet governattivi oħra l-Kunsill dejjem iffaċċja u kellhu jsolvi l-problemi mar-residenti. Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma wkoll lill-membri ppreżenti tal-Kunsill li beda xogħol mill-Gvern Ċentrali fuq il-mina tad-dranaġġ fi Triq is-Salib.

3.3 Is-Sindku talab l-approvazzjoni, sabiex il-Kunsill jagħti permess lil Ċensu Snack Bar jarma gazebo b'mod temporanju fuq il-bankina quddiem l-istabbiliment tiegħu mingħajr ma jostakola l-bankina. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 4. *Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-22 t'Ottubru 2015 Sa l-10 ta' Novembru 2015.*

4.1 Wara li ħadd mill-Kunsilliera preżenti ma kellu xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il- lista ta' Korrisponsdenza mgħotija u ppreżentata, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-korrispondenza msemmija tiġi kkunsidrata bħala moqrija. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 5. *Schedule of Payments 11/15*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. *Purchase Order 4125 - 4139*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4125 - 4139 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 3104 - 3119*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3104 sa 3119 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Financial Commitment Report July – September 2015*

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fuq talba tas-Sindku ta spjega tar-Rapport Finanzjarju għax-xhur bejn Lulju u Settembru 2015. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv ta spjega fid-dettall ta' dan ir-rapport u l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, talab lis-Sindku jipproponi xi aġġustamenti fl-allokazzjoni ta' l-Infiq. Is-Sindku ressaq dawn ir-rialokazzjoniijiet ta' nfieq f'dawn il-kategoriji.

Dawn kienu:

kategorija 2100 għandha tizdied b' €2,185.01 minn kategorija 3300
kategorija 2360/70 għandha tiżdied b' €4,581.85 minn kategorija 3300
kategorija 2600 għandha tiżdied b'€103.25 minn kategorija 3300
kategorija 2800 għandha tiżdied b'€816.14 minn kategorija 3300
kategorija 3030 għandha tiżdied b' €1,058.24 minn kategorija 3300
kategorija 7300 għandha tiżdied b' €1,528.89 minn kategorija 3300
kategorija 2311 għandha tiżdied b'€24,934.43 minn 7200

8.2 Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti u mistoqsijiet is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport kif ipprezentat bl-emendi ta' riallokazzjoni ta' nfiq kif propost mis-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 9. *Ħruġ ta' Tender Road Resurfacing*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova l-ħruġ tat-Tender għal Road Resurfacing. L-offerta għandha tkun miftuħa għal xahar u tiswa mitt ewro (€100). L-avviz fuq il-ġurnali għandhom ikunu ppubblikati fuq The Times kif obbligat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u fuq il-Gazzetta tal-Ġvern kif ukoll fuq l-Orizzont sabiex il-Kunsill jaderixxi mall-Liġi. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 10. *Ħruġ ta' Tender Qualified Accountant*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova l-ħruġ tat-Tender għal Qualified Accountant għal tliet snin. L-offerta għandha tkun miftuħa għal xahar u tiswa mitt ewro (€100). L-avviżi fuq il-ġurnali għandhom ikunu fuq The Times kif obbligat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u fuq il-Gazzetta tal-Ġvern u l-Orizzont sabiex jaderixxi mall-Liġi. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekoda. Il-Vot kien unanimu.

## *11. Zebra Crossing quddiem il-Knisja ta' Trinita'*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-membri preżenti sabiex il-Kunsill jitlob il-permessi neċessarji mit-Trasport Malta biex il-Kunsill ikun jista' jagħmel Zebra crossing quddiem il-Knisja Trinita' Qaddisa.

11.2 Is-Sindku għal dan il-għan ippreżenta r-ritratti ta' l-armar kif ġie nstallat fl-aħħar festa li ċċelebrat il-Knisja tat-Trinita' Qaddisa sabiex jiġi ndikat aħjar fejn qed tiġi pproposta li ssir din iż-zebra crossing. Hawn is-Sindku wera li din iz-Zebra crossing mhux ser tkun ta' xkiel għall-armar. Wara diskussjoni bejn il-membri ppreżenti s-Sindku talab l-approvazzjoni għal din it-talba. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *12. Ittra Legali lil Transport Malta f'isem ir-residenti ta' Triq Pitkali*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex dan is-suġġett jiġi diskuss f'seduta oħra sabiex il-Kunsill jiddeċiedi jieħux passi legali fil-konfront tat-Transport Malta dwar l-inkonvenjent li qed isofru r-residenti ta' Triq il-Pitkali minħabba l-Underbypass li saret fi Triq Diċembru Tlettax mill-Gvern Ċentrali. Dan minħabba li ma kull ħalba xita qed jikkawża żbroff ta' dranaġġ u l-ilma mhux qed joskula malajr fil-culverts tat-Triq bil-konsegwenza li l-livel ta' l-ilma jgħola u joskula ġor-residenza tan-nies. .

12.2 Dan is-suġġett kompla jgħid is-Sindku qed jintalab li jittella' għal deċiżjoni finali mill-Kunsill billi l-Ministru Joe Mizzi kkonferma li ser jieħu dan il-każ f'idejh ħalli tinstab soluzzjoni għal din il-problema li qed jiffaċċjaw r-residenti. Għaldaqstant is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-ittra legali ma tiġix sottomessa għalissa iżda dan is-suġġett jiġi diskuss f'seduta oħra. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Cinema Day*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li bħal kull sena l-Kunsill jorganizza ħarġa għat-tfal fl-Eden Cinema nhar l-Erbgħa 30 ta' Diċembru 2015 fejn id-dħul għat-tfal jkun mingħajr ħlas iżda titħallas donazzjoni fi flus b' risq il-Community Chest Fund. Il-ġenituri li ser ikunu qed jakkumpanjaw lit-tfal jħallsu rata sussidjata, filwaqt li l-Kunsill jipprovdi t-trasport b'xejn. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Tweġibiet għall-misoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

14.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsill jinforma lir-residenti permezz ta' ittra meta jkun ser jibda' x-xogħol tat-tarmak. Hu talab wkoll li kopja ta' din l-ittra tintbagħat lilhom permezz ta' email.

14.2 Is-Sur Jean Paul Zammit talab aktar infurzar tax-xorb fil-ġonna mill-pulizija.

14.3 Is-Sur Jean Paul Zammit talab sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni fuq il-Gvern Centrali sabiex tibda tiġi diskussa l-possibilita' ta' proġett ta' underbypass minn Triq Nerik Sacco għal Triq is-Serkin.

14.4 Wara diskussjoni fit-tul fuq proġetti u problemi fil-Lokalita', s-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex il-Kunsill jitlob laqgħa mall-Prim Ministru. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jelenka erba' suġġetti biex jiġu diskussi waqt il-laqgħa. Il-Kunsill iddeċieda li din il-laqgħa għandha ssir fil-bidu tas-sena d-dieħla.

14.5 Is-Sur Frank Zammit ħa l-inkarigu li jagħmel kuntatt ma l-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex tiġi skedata din il-laqgħa kif deċiż mill-Kunsill.

## *15. Deċiżjoni fuq Tender Christmas Lights Decorations.*

15.1

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-unika offerta li l-Kunsill irċieva skond lis-skeda ta' l-offerti li ġiet ippreżentata lill-membri preżenti għall-attenzjoni tagħhom. L-unika offerta mitfugħha kienet tas-Sur Antoine Zahra. Is-Sindku talab li l-Kunsill jitlob it-tizjin ta' dawn it-toroq: Triq Nerik Sacco, Triq Balbi, Pont ta' San Tumas u tiżdied Triq Zerafa liema spiza tkun ta' elf u tlett mitt ewro (€1300). B'hekk it-total ta' nfiq għas-sena tkun ta' madwar sitt elef. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *16. Aġġornament tal-Laqgħa*

16.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2015 fil-ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm).

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa ta' filgħaxija (7.00pm)

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv